MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2289/1997/1

**Philip Borg**

**vs**

**Vincent Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa fl-24 ta' Jannar 1994 kien silef lill-konevnut - li jigi huh stess - is-somma ta' elf u erba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm1475) u dana brevi manu sabiex dina tithallas lura meta l-konvenut kien ikun sab impjieg fiss;

Illi minkejja l-fatt li l-konvenut illum ghaddew aktar minn tlett snin u minkejja l-fatt illi l-konvenut illum ghandu

impjieg fiss u gie interpellat darbtejn sabiex jirrefondi l-ammont lilu misluf, dana xorta wahda baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa veru, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm1475) liema somma hija dovuta bhala rifuzjoni ta' ammont ta' flus mislufa lilu brevi manu;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza relattiva kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament ul-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma ssellef ebda ammont ta' flus minghand l-attur;

2. Illi fiz-zmien in kwistjoni l-attur kien talab lill-konvenut, huh, sabiex jigi lura mill-Awstralja fejn kien residenti l-konvenut u dana bil-ghan li jassistih fit-tmexxija tad-ditta tieghu (CD Borg Limited) billi l-attur stess ma

setax ikompli jaghmel ix-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha rizultanti minn incident. L-ammont mitlub mill-attur jirraprezenta parti mill-ispejjez sabiex il-konvenut gie lura mill-Awstralja u kienu iddepositati mill-attur f'bank account fl-Awstralja mnejn gew mahruga mill-konvenut stess fuq talba tal-attur bl-intenzjoni biss li juzahom kif fuq deskritt. Qatt ma kien gie miftiehem illi dan l-ammont ghandu jintradd lura lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 1999;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li fl-24 ta' Jannar 1994 huwa kien silef lill-konvenut, li jigi huh, is-somma ta' elf u erba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm1475). L-attur jippremetti ukoll li dan is-self sar bl-intendiment li l-konvenut kellu jhallas lura l-imsemmi ammont meta dan tal-ahhar isib impieg. L-attur jallega li issa l-konvenut ghandu impieg fiss, pero’ huwa naqas li jhallas lura l-imsemmi ammont. Ghalhekk qed issir din il-kawza;

Da parti tieghu l-konvenut jeccepixxi li huwa qatt ma ssellef xi ammont ta' flus minghand l-attur. Il-konvenut jghid li fiz-zmien in kwestjoni huwa kien residenti l-Awstralja. Huh l-attur kien talbu sabiex jigi lura sabiex jassistih fit-tmexxija tad-ditta CD Borg Limited billi l-attur kien korra gravement f’incident. Skond il-konvenut l-ammont in kwestjoni f’din il-kawza kien il-kontribut tal-attur ghall-ispejjez involuti sabiex jigi lura mill-Awstralja. Dan l-

ammont kien depositat f’isem l-attur f'bank fl-Awstralja u gew sbankati mill-istess konvenut bid-debita awtorizzazzjoni tal-attur. Dejjem skond il-konvenut ma gie qatt miftiehem li l-ammont in kwestjoni kellu jithallas lura lill-attur;

Hemm qbil bejn il-partijiet li qabel ma l-konvenut irritorna Malta huwa ppreleva, mill-kont bankarju ta’ huh l-attur f’bank l-Awstralja, s-somma in kwestjoni u dana bl-awtorizzazzjoni tal-istess attur. L-attur isostni li dana kien b’self mentri l-konvenut jghid li dan kien il-kontribut tal-attur ghall-ispejjes sabiex huwa jigi Malta;

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-attur ma rnexxilux jipprova b’mod sufficjenti li huwa sellef l-ammont in kwestjoni lill-huh il-konvenut, u dana bil-patt l-ammont jithallas lura. Fl-ewwel lok l-attur naqas li jixhed meta in effett kien biss l-istess attur li seta jghati r-raguni ghaliex huwa ta’ l-flus lill-huh. Il-provi li pproducja l-attur, fl-opinjoni tal-Qorti, ma jwasslux sabiex jista jinghad li jirrizulta dak li qed jippretendi l-attur. In effett lanqas ma jirrizulta jekk il-partijiet ftehemux meta s-somma kellha tithallas lura jew jekk kellux jithallas imghax;

Minn naha l-ohra il-konvenut ikkonferma li kien huh l-attur, ghaliex korra, li talbu biex jigi lura Malta. Ghalhekk l-ammont li ha mill-kont bankarju barrani tal-attur kien il-kontribut tal-istess attur sabiex huwa jigi lura Malta. Il-konvenut ghalhekk cahad li l-attur qatt sellfu xi flus. Lanqas ma jista jigi eskluz dak li qal il-konvenut li in effett l-attur talab il-hlas lura tal-ammont in kwestjoni biss meta l-konvenut sab impieg iehor u ghalhekk ma komplix jahdem mal-attur. Inoltre omm il-kontendenti tikkonferma li

l-attur kien qalilha li, peress li huwa kien wegga, l-konvenut kien ser jinzel Malta biex jghinu;

F’dawn ic-cirkostanzi kollha t-talba tal-attur ma tista qatt tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha koontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------